**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Dicembru, 2019**

**Talba Nru: 113/2019 PM1**

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C476)**

**Vs**

1. **Michael Ian James Garden (K.I. Nru. 159110(A))**
2. **FHH Limited (C80016)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2019 illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' elf, hames mija u tletin euro u tnejn u sebghin centezmi (€1530.72) liema somma hija dovuta in konnessjoni ma' valur ta' prodotti ta' xorb li gew mixtrija u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti skont *statement* anness mal-istess avviz, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa

mid-data tal-prezentata tat-talba u b'rizerva ghal kwalsiasi ammont ulterjuri dovut lis-socjeta` attrici kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mat-talba senjatament l-i*statement* datat 20 ta' Mejju, 2019 (fol. 2 tal-process).

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghalihom ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2019 u fil-fatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Fir-rigward tal-ispejjez dawn ukoll ghandhom konsegwentement jigu sopportati mill-konvenuti. Fir-rigward tal-imghaxijiet, tenut kont li n-natura tat-transazzjoni tidher mill-i*statement* li kienet wahda kummercjali, it-talba li dawn jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentat tat-talba hija gustifikata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-istess attrici s-somma mitluba ta' elf, hames mija u tletin euro u tnejn u sebghin centezmi (€1530.72) rapprezentanti valur ta' prodotti ta' xorb li gew mixtrija u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tat-talba kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**